MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1251/1994/1

**Paul Fiorentino u Josephine Fiorentino u**
**b’digriet tal-Qorti tat-28 ta’ April 2003**
**Rita Bacica u Steven Michael Bacica gew awtorizzati**
**jassumu l-atti tal-kawza minflok**
**Paul Fiorentino u Josephine Fiorentino**

**vs**

**David Jones bhala direttur u in rapprezentanza**
**tas-socjeta Grove Enterprises Limited u**
**b’digriet tas-17 ta’ Gunju 2013**
**Emanuel u Josephine Calleja intervenew**
**fil-proceduri in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-intervenuti fil-kawza Emanuel u Josephine Calleja tal-21 ta’ Gunju 2013 sabiex jithallew jipprezentaw risposta guramentata fejn qed jigi eccepit:

1. Illi l-attrici ma ghandhiex interess guridiku biex tkompli bil-proceduri billi ma ghandha ebda drittijiet fuq il-proprjeta stante li ttrasferitha lil terzi ghalkemm saret riserva fil-kuntratt ta’ trasferiment dwar din il-kawza pero s-sid attwali anqas ma hu parti in kawza;
2. Kull diskrepanza ezistenti bejn il-pjanti u l-istat attwali tal-plots hi biss rizultat ta’ alignment u ghalhekk frott ta’ kaz fortuwitu li ma jistax jahti ghalih il-konvenut jew l-intervenut.

Rat ir-risposta tal-atturi li opponew ghal din it-talba billi l-intervenuti akkwistaw il-proprjeta minghand il-konvenut aktar minn tmien snin ilu u qatt ma ghamlu xejn hlief meta talbu li jintervjenu u qed juzaw issa din il-procedura meta l-kawza waslet fi tmiemha.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tirreferi ghal promunzjament fil-kawza **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et**, (PA, 29/10/2010) fejn ghamlet riassunt ta’ dawn il-principji li jirregolaw il-materja u qalet hekk:

Ghalhekk, in succint, il-pozizzjoni ta’ l-intervenut fil-kawza a distinzjoni tal-kjamat in kawza, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista’ jitlob ghall-hlas ta’ l-ispejjez tieghu u anqas jista’ jigi ikkundannat ghall-ispejjez. L-intervenut ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li sentenza ma tista’ qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa u normalment ma tistax sentenza tigi esegwita kontra tieghu. L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti filkawza. L-intervenut fil-kawza ghandu jkollu interess guridiku u mhux sempliciment interess fl-ezitu. Hu jista’ jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f’dik il-kawza partikolari u mhux f’kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Hu m’ghandux id-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet gja decizi. Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap.

12 dwar il-kjamat in kawza jinghad li din ghandha tigi notifikata bir-rikors u titqies bhala kull konvenut iehor u li bhala tali ghandha jedd tipprezenta kull skrittura, li taghti kull eccezzjoni, u li tinqeda b'kull beneficcju iehor li l-ligi taghti lill-konvenut u tista' tigi mehlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawza kienet proposta kontra taghha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawza. L-intervenut ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza. Il-Qorti ghandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-principji l-Qorti tqis illi ghandha tintrabat maghhom biex tirregola dak li jista' u ma jistax jaghmel l-intervenut.

Bla dubju l-intervenuti ghandhom interess guridiku dirett u soggettiv f'dawn il-proceduri billi d-decizjoni ser taffettwa l-proprjeta li taghha huma proprjetarji. Kif intqal fis-sentenza **Testaferrata Bonici et vs Micallef et**, (App Inf 10/01/2007):
Konformament mas-sistema procedurali taghna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni necessarja biex terz jiddahhal fil-kaz hi dik li dan hu titolari ta' dritt soggettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tieghu biex jintervjeni ghandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-ohra fuq l-istess oggett sostanzjali tal-kawza, dan jiggustifika dak li mill-prattici huwa denot bhala "simultaneus processus";

Bhala terz interessat ammess fil-proceduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata" (**Kollez. Vol. XVI P I p 117**). Huwa veru illi skond il-vot tal-ligi (Artikolu 9h0) l-intervenut fil-kawza ma jissospendix il-procediment. B' danakollu, kif issokta jigi enuncjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu

ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib ‘il quddiem ir-ragunijiet tieghu” (**Kollez. Vol. XXXII P I p 477**). Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tieghu biex jiddahhal fil-kawza, huwa kellu d-dritt li jippartecipa fl-incidenti kollha taghha u li, sa dak il-mument, kienu ghadhom mhux decizi. Dan hu seta’ jaghmlu anke billi jressaq l-eccezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara “**Joseph Galea -vs- Alfred Cardona**”, Appell Kummercjali, 28 ta’ Lulju 1987 u l-kazistika f’ din kompendjata;

Pero qua intervenuti huma qed jiddahhlu fil-kawza fl-istat u fazi li fih tkun tinsab il-kawza llum. Jidher mill-verbali tal-Qorti illi l-provi huma maghluqa, gia sar rapport peritali u ghadda l-fazi tal-eskussjoni tieghu. Il-Qorti mhix tinnega lill-intervenuti jaghmlu sottomissjonijiet fuq il-provi u atti migbura pero dak li qed jitolbu l-intervenuti imur oltre dan. Huma qed jitolbu li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri ghat-talba prinicpali, f’dan l-istadju inoltrat tal-proceduri.

Hi l-fehma tal-Qorti illi tali eccezzjonijiet skond il-ligi jistghu isiru jekk dawn huma perentorji u li jistghu isiru f’kull fazi tal-procediment altrimenti ebda eccezzjoni ohra oltre dawk li nghataw tal-kawza ma tista’ tinghata jekk ma jkunx hemm il-permess tal-Qorti. F’dan il-kaz il-provi jinsabu maghluqa u l-intervenut qed jittenta jressaq eccezzjoni ulterjuri fil-mertu tal-kaz fortuitu naxxenti mid-diskrepanzi li rrizultaw bejn il-pjanti u l-bdil fl-allenjament. Din l-eccezzjoni mhix wahda perentorja izda tirrigwarda l-mertu. Ma jistax jinghad li din kienet xi eccezzjoni li ma setghetx titqajjem hlief f’dan l-istadju meta l-fatti kienu li kienu u l-intervenut, li mhux parti fil-kawza, jista’ biss iqajjem kwistjonijiet permissibbli fl-istadju li hu jkun dahal fil-proceduri. F’dan l-istadju ma hemmx raguni skond l-artikolu 728 u 731 tal-Kap. 12 ghaliex eccezzjoni ulterjuri fil-mertu ghandha tithalla titqajjem, meta l-konvenut stess li kellu interess ma qajjimhiex meta kellu kull opportunita fl-istadju li kien ghadu miftuh ghalih li jqajjem eccezzjonijiet ulterjuri kif jispecifika anki l-artikolu 158(11) u din l-eccezzjoni setghet titqajjem minnu.

Aktar minn hekk pero l-Qorti tirraviza illi l-intervenut ilu sid il-fond mertu ta' din il-kawza sa mill-2005 u naqas li jaderixxi ruhu ma' dak stipulat fil-kuntratt tal-akkwist tieghu fejn hu stess accetta li jintervjeni fil-kawza u naqas li jaghmel hekk meta kien ghadu ghaddej il-gbir tal-provi quddiem il-periti gudizjarji.

In kwantu pero ghall-eccezzjoni dwar l-interess guridiku tal-atturi, din hi eccezzjoni li minn natura taghha, jekk gustifikata tistronka l-azzjoni nfisha fil-konfront tal-konvenut u b'konsegwenza kull effett li jista' jkollha fuq l-intervenuti li huma partijiet intimament interessati fl-ezitu tal-proceduri billi tolqot il-proprjeta li huma akkwistaw. Tali eccezzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju u ghalhekk din il-Qorti qed tippermettiha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors tal-intervenuti billi tippermetti lill-intervenuti jipprezentaw eccezzjoni dwar l-interess guridiku tal-atturi f'din il-kawza u tichad it-talba li jipprezentaw eccezzjoni ta' kaz fortuwitu.

Spejjez ta' dan il-provvediment jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------